**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU.22 – L-ERBGĦA 26 TA' FRAR 2026**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-6.10pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dott. Christopher Deguara | Sindku |
| | Joseph Spiteri | Viċi Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Andre' Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Matthew Vella | Kunsillier |
| | Louis Camilleri | Kunsillier |
| Skużat: | Godwin Grech | Kunsillier |
| Uffiċjali Preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Uffiċċjal Amministrattiv II |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa live fuq il-paġna ta' Facebook.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

1.1. Is-SE informa li kien irċieva email ta' apoloġija mingħand il-Kunsillieri Godwin Grech u li kien għadda kopja lil kull Kunsillier. Il-Kunsill qabel li r-raġuni hi ġustifikata u għalhekk il-Kunsillier Grech kien skużat minn din il-laqgħa.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI;**

2.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel intbagħatu qabel il-laqgħa lill-Kunsillieri u għalhekk kienu meqjusa moqrija.

2.2. Il-Kunsill approvahom *nem con* fuq proposta tal-Kunsillier Gatt issekondat mill-Kunsillier Camilleri.

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU;**

3.1. Is-Sindku ressaq il-komunikazzjonijiet tiegħu kif ġej:

3.1.1. Is-Sindku informa li fid-29 ta' Jannar kellu laqgħa fuq il-post ma' rappreżentanti tas-supermarket Wellbees. F'din il-laqgħa kien hemm

diskussjoni kostruttiva dwar id-diffikultajiet li qed jiffaċċja kemm il-Kunsill kif ukoll is-supermarket, b'mod partikolari dawk relatati mad-*deliveries* u l-problema tal-ipparkjar ta' vetturi fuq iż-żona tal-un/loading bay. Is-Sindku informa li sar qbil għall-installar tal-bollards u minn naħa tal-Kunsill, wiegħed li jkunu installati CCTV cameras fuq il-post sabiex jissaħħaħ l-infurzar.

3.1.2. Fit-30 ta' Jannar is-Sindku kellu laqgħa ma' individwu dwar l-organizzazzjoni tal-caravan site. Matul din il-laqgħa is-Sindku spjega b'mod ċar il-pożizzjoni tal-Kunsill mhijiex favur il-preżenza tal-caravans f'din iż-żona. Minħabba din id-differenza fil-viżjoni, ma ntlaħaq l-ebda qbil dwar il-proposta diskussa.

3.1.3. Fil-31 ta' Jannar is-Sindku kellu laqgħa ma rappreżentanta ta' My Mamma dwar it-tnhedija ta' din l-inizjattiva.

3.1.4. Fl-1 ta' Frar is-Sindku ltaqa' ma' rappreżentanti tal-Partit Laburista Naxxar dwar il-50 sena mit-twaqqif tal-għaqda ġewwa n-Naxxar.

3.1.5. Fit-3 ta' Frar is-Sindku kellu laqgħa ġewwa Palazzo Parisio bħala parti mill-preparamenti fl-organizzazzjoni ta' Ġieħ in-Naxxar.

3.1.6. Is-Sindku informa li fl-4 ta' Frar il-Kunsillier Andrè Muscat attenda għall-konferenza P.O.P. UP Conference – Safe Internet, Safe Children, Strong Society organizzata minn The Malta Foundation for the Wellbeing of Society. Il-Kunsillier Muscat informa li f'din il-konferenza ġiet diskussa l-liġi fuq *green paper* dwar l-użu tal-internet. Il-kunsillier Muscat informa li kienet konferenza tajba ħafna.

3.1.7. Is-Sindku fakkar li nhar is-6 ta' Frar saret l-attività ta' Ġieħ in-Naxxar ġewwa Palazzo Parisio. Kienet attività sempliċi u ħelwa li ntlaqgħet tajjeb ma' dawk li attendew. Is-Sindku rringrazzja l-amministrazzjoni għall-organizzazzjoni u lil dawk li attendew għal din is-serata.

F'dan il-punt is-Sindku ġibed l-attenzjoni li kien hemm xi organizzazzjonijiet li assumew li din is-sena se jiġri bħas-sena l-oħra u ċioè li se jingħata rikonoxximent wieħed għal kull kategorija u għalhekk ma bgħatux aktar nomini. Is-Sindku skuża ruħu għal dan in-nuqqas ta' ftehim u wiegħed li is-snin li ġejjin se jkunu bħal din is-sena i.e. Ġieħ in-Naxxar wieħed u rikonoxximenti oħra lil kull min ikun innominat u ħaqqu dak ir-rikonoxximent.

3.1.8. Is-Sindku informa li fid-9 ta' Frar sar l-ewwel survey ġewwa t-Torri tal-Kaptan. Wara dan sar ieħor fil-15 ta' Frar. Is-Sindku Fakkar li din hija parti minn MoU li l-Kunsill iffirma mal-Wasteserv għar-restawr ta' dan it-torri u l-ġnien tiegħu.

3.1.9. Is-Sindku informa li fil-11 ta' Frar kien skedat infurzar fuq l-ispazju okkupat u paviment illegali quddiem ristorant fi Vjal il-21 ta' Settembru. Is-Sindku informa li waqt li kienu fuq il-post, inqalgħet sitwazzjoni ta' tensjoni, u għalhekk ġie deċiż li ssir laqgħa u diskussjoni miegħu sabiex jirregolarizza s-sitwazzjoni. Il-laqgħa mas-sid flimkien mal-avukat tiegħu saret fis-16 ta' Frar. Is-Sindku rrimarka li l-avukat tas-sid qabel mal-Kunsill dwar dawn l-illegalitajiet u tah sa nofs April biex jirregola ruħu.

Is-Sindku iċċara li bħala Kunsill mhux se jkun qed jittollera abbuż. Il-Kunsill se jkun qed jorbot lill-istabbilimenti li għandhom il-permess tal-imwejjed u siġġijiet barra li jimxu strettament ma dan il-permess.

3.1.10. Fit-12 ta' Frar saret it-tnedija tal-inizjattiva MyMammas. Din l-inizjattiva qed issir b'kollaborazzjoni bejn negozji privati, il-Kunsill Lokali u l-BOV.

3.1.11. Is-Sindku fakkar li fil-15 ta' Frar saret l-attività tal-karnival ġewwa l-ground faċċata tal-Kunsill. Kien hemm konkorrenza tajba ħafna u jidher li ntlaqgħet tajjeb minn kulħadd. Barraminnhekk, ġewwa l-bini tal-Kunsill kien hawn esebizzjoni ta' arti magħmula mit-tfal tal-iskejjel kemm primarja u kemm tal-middle school. Huwa rringrazzja l-iskejjel li ħadu sehem f'din l-inizjattiva u rringrazzja wkoll lill-Kunsillier Godwin Grech kif ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv tal-organizzazzjoni ta' din l-attività.

3.1.12. Fid-19 ta' Frar saret laqgħa bejn il-Kunsill, l-Enemalta, il-Water Services Corporation u l-Kuntrattur dwar xogħlijiet fit-toroq li qed isiru bħalissa in-naħa ta' Triq Santa Marija. Waqt din il-laqgħa il-WSC kienu imfakkar li kellhom jirranġaw il-bankini ta' Triq Jules Verne wara li tħallew imkissra wara xogħol tagħhom. Huwa nforma li -SE bagħat korrispondenza lill-WSC dwar dawn il-bankini biex jiġu inklużi max-xogħlijiet.

3.1.13. Fid-19 ta' Frar ukoll saret il-laqgħa tas-Sottokumitat talbiet u lmenti. Għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, l-Viċi Sindku, l-Kunsillier Marlon Brincat, il-Kunsillier Andrè Muscat, is-Segretarju Eżekuttiv u persuna mill-amministrazzjoni.

3.1.14. Bejn il-21 u 22 ta' Frar is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu mistiedna ġewwa Racalmuto fi Sqallija biex jingħata bidu għall-ġemellaġġ bejn Racalmuto u n-Naxxar. Dakinhar ġie iffirmat ftehim li jagħti bidu għall-proċess ta' dan il-ġemellaġġ. Il-proċess jitkompla billi s-SE jinforma lill-Ministru b'dan il-ftehim u wara tingħata l-approvazzjoni tal-Ministeru biex effetivament isir il-ġemellaġġ. Il-Kunsill qabel *nem con*.

3.1.15. Fit-23 ta' Frar is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' rappreżentanti tan-Naxxar Lions dwar il-ftehim relatat mal-clubhouse.

3.1.16. Is-Sindku informa li xtaq jitkellem dwar il-*buildouts* ġewwa Triq Raheb Kurradu u talab lis-SE jispjega aktar fid-dettall.

Is-SE fakkar li l-Kunsill kien diġà qabel li jsir tentattiv biex isiru numru ta' buildouts fiż-żona ta' Triq Raheb Kuraddu u Triq Jules Verne. Fid-dawl li fiż-żona qed isiru xi xogħlijiet minn entitajiet differenti, il-Kunsill qed jagħmel tentattiv li dawn ix-xogħolijiet jamalgamaw bejniethom u jsiru a spejjeż tal-entitajiet.

Wara li l-Kunsill ra l-pjanti relatati, Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li min ħiereġ minn Triq Jean de la Valette se jkun diffiċli biex idur. Il-Perit se jkun mitlub jikkonsidra korrezzjoni fil-pjanta.

3.1.17. Is-Sindku Informa li għal-laqgħa tar-Reġjun dan ix-xahar attenda l-Kunsillier Mark Deguara. Il-Kunsillier Deguara informa li waqt il-laqgħa kienet diskussa il-problema tal-immaniġġjar tal-iskart u l-finanzi tar-Reġjun.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI;

4.1. **Il-Kunsillier Pierre Sciberras staqsa:**
*Mistoqsija lill-Kunsill Nru 2/2026*
***Tema: Sejħa għal kwotazzjonijiet - NLC/Q/11/2025***
*Tista' l-amministrazzjoni tinforma lill-membri tal-Kunsill fhiex waslet din il-call for quotations. Skont l-EPPS din is-sejħa għadha qed tidher fl-istat ta ' evalwazzjoni. Min informazzjoni li ksibt jidher li waqfet minħabba li l-kwotazzjonijiet kienu kollha over budget. Jekk dan hu minnu għaliex l-orħos kwotazzjoni ġiet eskluża meta din kienet inqas mill- Estimated Contract Value(EUR): €9,995 u l-kwotazzjoni mitfuwa hija ta €9,210.*

4.2. **Is-SE wieġeb**:
L-amministrazzjoni tinforma li s-sejħa għal kwotazzjonijiet NLC/Q/11/2025 kienet waħda minn numru ta' kwotazzjonijiet relatati ma' proġett żgħir għal titjib fi tliet ġonna, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Majjistral Action Group Foundation (MAGF).

Wara l-evalwazzjoni teknika, a bażi ta' rapport tekniku mill-perit tal-Kunsill, l-orħos offerta ġiet dikjarata mhux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet. L-offerta l-oħra kienet sostanzjalment ogħla mill-baġit allokat għall-proġett. Kwotazzjonijiet oħra relatati mal-istess interventi kellhom ukoll nuqqasijiet simili.

Meta tqis li l-perjodu sabiex jingħalaq il-proġett kien qrib l-iskadenza, ma kienx ikun possibli li s-sejħa terġa' tinħareġ, peress li dan kien joħloq riskju serju li jintilfu l-fondi tal-UE u l-Kunsill ikun obbligat iġorr l-ispejjeż mill-fondi tiegħu stess, li ma kinux ibbaġitjati għal dan l-iskop.

4.3. **Il-Kunsillier Pierre Sciberras staqsa:**
*Mistoqsija lill-Kunsill Nru 3/2026*
***Tema: Proċess tat-Tenders***
*Tista' l-amministrazzjoni tinforma lill-membri tal-Kunsill dwar il-proċess tat-tenders.*

- *Min qed jikteb it-tenders li jkunu ser joħorġu? Huwiex l-amministrazzjoni tal-Kunsill jew kumpanija/individwu li toffri dawn is-servizzi.*
  - *Jekk kumpanija li toffri dawn is-servizzi kemm hu l-ħlas għal dan is-servizz (għal kull tender)*
  - *Kif intgħażlet din il-kumpanija/ividwu?*

- *Minn min hu kompst Il-bord/kumitat tal-evalwazzjoni tal-istess tenders?*
  - *Kemm hu l-ħlas ta ' dan is-servizz għal evalwazzjoni għal kull individwu?*
  - *Kif intgħażlu l-membri ta ' dan il-bord?*

4.4. **Is-SE wieġeb**:
L-amministrazzjoni tinforma li l-proċess tat-tenders jinkludi numru ta' stadji amministrattivi u tekniċi.

Fl-istadju inizjali, l-amministrazzjoni tiddiskuti s-suġġett tal-offerta ma' individwu estern espert fil-preparazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' offerti pubbliċi. Id-dokument

tat-tender jikkonsisti f'diversi dokumenti u formoli li fihom speċifikazzjonijiet estensivi, ħafna minnhom imposti u aġġornati regolarment mid-Dipartiment tal-Kuntratti u applikabbli għal kull contracting authority. Barraminnhekk jiġu inklużi speċifikazzjonijiet addizzjonali skont il-bżonnijiet tal-Kunsill, ibbażati fuq il-kuntratti preċedenti u speċifikazzjonijiet aġġornati wara diskussjonijiet bejn l-Amministrazzjoni u s-Sindku.

Meta d-dokument jiġi finalizzat, jibda l-proċess ta' pubblikazzjoni fuq is-sistema elettronika tal-procurement, li jsir mill-individwu mqabbad. L-istess individwu jagħti wkoll rakkomandazzjonijiet waqt il-perjodu ta' pubblikazzjoni u jista' jiġi kkonsultat waqt l-evalwazzjoni, mingħajr ma jkun membru tal-kumitat.

Għal dan is-servizz il-Kunsill iħallas €100 għal kull sejħa. L-individwu ġie ingaġġat permezz ta' direct order skont ir-regolamenti applikabbli, fil-kapaċità tas-Segretarju Eżekuttiv bħala Head of the Contracting Authority.

**Bord ta' Evalwazzjoni:**
Il-bord ta' evalwazzjoni huwa magħmul minn individwi indipendenti mill-Kunsill u b'esperjenza f'dan il-qasam. Għal raġunijiet ta' checks and balances, min jassisti fil-pubblikazzjoni jew jipprepara rapporti tekniċi ma jkunux membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni.

Il-membri jintgħażlu mis-Segretarju Eżekuttiv skont prattika stabbilita li ilha fis-seħħ snin skont kif dirett mill-Kunsill Lokali.

Il-membri attwali u l-ħlas relattiv huma:
· Duncan Hall – €50
· Romina Perici Ferrante – €82.60
· Arthur Perici – €70

Dawn il-ħlasijiet kollha jidhru, u dehru dejjem fl-Iskeda tal-Pagamenti, li hija pubblika u approvata f'kull laqgħa tal-Kunsill.

4.5. **Il-Kunsillier Pierre Sciberras staqsa:**
*Mistoqsija lill-Kunsill Nru 4/2026*
***Tema: Tenders - 1***
*Tista' l-amministrazzjoni tinforma lill-membri tal-Kunsill dwar it-tenders hekk kif hawn aktar l-isfel*
- *Kemm hemm Tenders li sad-data tal-lum (18 ta' Frar 2026) huma skaduti.*
- *Liema huma t-Tenders li huma skaduti.*
- *Id-data li skadew dawn it-Tenders.*
- *X'inhi r-raġuni li dawn it-Tenders ma reġgħux ħarġu fil-ħin.*
- *F'liema proċess waslu dawn it-Tenders sabiex jerġgħu jinħarġu.*

4.6. **Is-SE wieġeb**:
Sat-18 ta' Frar 2026 kien hemm żewġ (2) tenders li huma skaduti. It-Tenders li huma skaduti huma tal-knis u tindif tat-toroq u taż-żamma tal-gonna (soft areas). Dawn skadew fis-6 ta' Novembru 2023 u fil-31 ta' Jannar 2024 rispettivament .
Fil-każ tat-tender tal-Knis u tindif tat-toroq, oriġinalment kien hemm diskussjonijiet

fuq bażi ċentrali u li eventwalment żviluppat f'inizjattiva ta' kuntratti mad-Diviżjoni tas-Servizzi tal-Indafa. Dan il-proċess tlesta iżda ma kienx hemm deċiżjoni li titmexxa l-quddiem mill-Kunsill. Minkejja li l-proċess għall-ħruġ ta' offerti kien inbeda iżda sitwazzjonijiet ta' xogħol addizzjonali, flimkien ma' bidla fil-Kunsill, il-proċess naqqas ħafna mir-ritmu però nista' nikkonferma li jekk ma jinqala' xejn li jtellifna, sal-aħħar ta' Marzu jkun ġie ppubblikat.
Fil-każ taż-Żamma tal-Ġonna, minkejja li kien inbeda l-proċess, fuq proposta tas-Sindku lill-Kunsill kien hemm qbil li jinbidel b'mod drastiku sabiex dak li llum hu kuntratt wieħed jinqasam fi tlieta. Dan kien jirrikjedi l-ġbir fid-dettall ta' ammont pjuttost kbir ta' informazzjoni billi kellu jittieħed inventarju dettaljat tas-soft areas u l-pots kollha tal-Kunsill. Dan il-proċess ġie konkluż bl-għajnuna tal-Viċi Sindku. Minħabba l-mod ġdid li se jkun qiegħed joħroġ, m'aħniex f'pożizzjoni li nikkommettu data jew żmien speċifiku meta se joħroġ iżda l-ħidma fuqu miexja.

4.7. **Il-Kunsillier Pierre Sciberras staqsa:**

*Mistoqsija lill-Kunsill Nru 5/2026*

*Tema: Tenders – 2*

*Tista' l-amministrazzjoni tinforma lill-membri tal-Kunsill kemm il-tender ħareġ taħt din l-amministrazzjoni tal-Kunsill. Jiġifieri wara l-elezzjoni tat-8 ta' Ġunju 2024.*

4.8. **Is-SE wieġeb**:
L-amministrazzjoni tinforma li minn wara l-elezzjoni tat-8 ta' Ġunju 2024 sal-lum, ġew ippubblikati seba' (7) tenders.

4.9. **Il-Kunsillier Pierre Sciberras staqsa:**
*Mistoqsija lill-Kunsill Nru 6/2026*

***Tema: EMPLOYMENT AGENCIES REGULATIONS.***

*Kemm il-tender ħareġ sa mill-2024, li il-kuntrattur huwa obbligat li jkollu liċenzja sabiex ikun jista jimporta nies barranin sabiex ikun jista' jesegwixxi x-xogħol fl-imsemmi Tender.*

4.10. **Is-SE wieġeb**:
L-amministrazzjoni tinforma li fl-ebda sejħa għall-offerti ma qatt il-Kunsill talab li kuntrattur ikun fil-pussess ta' liċenzja biex jimporta nies barranin sabiex iwettaq ix-xogħol tat-tender.

4.11. **Il-Kunsillier Pierre Sciberras staqsa:**
*Mistoqsija lill-Kunsill Nru 7/2026*
***Tema: Sala tal-laqgħat tal-Kunsill.***
*Tista' l-amministrazzjoni tinforma lill-membri tal-Kunsill dwar ix-xogħol li sar fl-immodernizzar*
*tas-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill.*

- *Kemm ġie jiswa dan il-proġett.*
- *Lista ta' xogħlijiet li saru fis-sala.*
- *Lista ta' affarjiet li nxtraw sabiex ġiet immodernizzata din is-sala.*
- *X'kien il-proċess tal-għażla sabiex intgħażlu s-suppliers għal modernizzar tas-sala.*

- *Jekk b' sejħa għal kwotazzjonijiet, tista' l-amministrazzjoni, tippreżenta fiżikament id-dokumenti li ntbgħatu u r-risposti li kien hemm.*

4.12. **Is-SE wieġeb**:
Għall-fini ta' din ir-risposta, u fid-dawl tal-mistoqsijiet preċedenti tal-istess Kunsillier, qed jiġi kkunsidrat li r-riferiment huwa għall-interventi li saru matul din il-leġiżlatura. L-infiq totali relatat ma' dan l-intervent ammonta għal €11,384,77. Id-dettall ta' kull nefqa jinsab kemm fl-Iskedi tal-Pagamenti kif ukoll fl-iskeda tax-xiri (lista ta' ordnijiet) imressqa u approvati mill-Kunsill b' mod unanimu f' kull laqgħa tal-Kunsill. Il-ħlasijiet tagħhom kienu mressqa fil- Laqgħat numru 5, 6, 7, 10 u 22. Dawn id-dokumenti kienu u għadhom aċċessibbli kemm għall-Kunsillieri kif ukoll għall-pubbliku. It-tibjid ma kienx inkluż f'dan l-ammont peress li kien meqjus bħala manutenzjoni.

Ix-xogħol li sar fis-sala kien limitat għal:
- Sostituzzjoni tal-mejda tal-laqgħat;
- Xiri ta' cupboard laterali;
- Xiri u installazzjoni ta' panelling fuq żewġ naħat tas-sala;
- Xiri ta' tliet siġġijiet;
- Disinn u xiri ta' logo u kliem fuq il-panelling.
- Xiri ta' pjanti.

Dawn l-interventi saru u ġew inawgurati f'Ottubru 2024.

Il-ħtieġa għal mejda ġdida kienet ġiet identifikata fil-leġiżlatura preċedenti u kienet allokata s-somma ta' €15,000 fil-baġit għal dan l-iskop. F'dak il-perjodu ġew ippreżentati diversi proposti u kwotazzjonijiet li, wara evalwazzjoni mill-Kunsill ta' dak iż-żmien, ma ġewx aċċettati.

Il-Kunsill preżenti, b'deċiżjoni unanimu, approva interventi addizzjonali sabiex is-sala tkun aktar adegwata u xierqa għall-funzjoni tagħha. L-ammont finali minfuq kien sostanzjalment inqas mill-allokazzjoni oriġinali għall-mejda biss.

Fir-rigward tal-proċess ta' akkwist, minħabba n-natura speċifika tal-mejda u d-diffikultà biex jinstab prodott adattat, l-akkwist sar skont ir-regolamenti applikabbli fil-kapaċità tas-Segretarju Eżekuttiv bħala l-Head of Contracting Authority, fid-dawl tal-fatt li l-Kunsill kien diġà eżamina u ma aċċettax kwotazzjonijiet preċedenti.

L-informazzjoni kollha relatata mal-infiq u l-pagamenti kienet soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-mument opportun u tibqa' disponibbli permezz tal-Iskedi tal-Pagamenti.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI:

### A. SKEDA TAL-PAGAMENTI Anness A;

**i)** Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar tliet pagamenti lill-istess kuntrattur.

**ii)** IS-SE spjega li l-kuntratti tal-indafa huma ibbażati fuq rati fissi li jiġu aġġornati kull sena għall-impjegati (Kenniesa, etc.) u li għalhekk il-

kuntrattur kellu dritt li jitħallas għalihom. Dawn il-kontijiet kienu qed jaslu l-kunsill separatament u riċenti l-kuntrattur beda' jgħaddihom f'daqqa. It-tielet pagament huwa dwar xogħol ta' tindif (hekk kif approvat mil-Kunslll snin ilu) li jsir mill-Kuntrattur fil-Ħdud ġewwa l-pjazza u għalhekk dak jasal bħala kont separat.

**iii)** Il-Kunsill approva fuq proposta tal-Kunsillier Muscat issekondat mill-Kunsillier Deguara.

**B. SKEDA TA' DĦUL** Anness B;

**i)** Il-Kunsill approva *nem con* fuq proposta tal-Kunsillier Muscat issekondat mill-Kunsillier Gatt.

**C. SKEDA TA' ORDNIJIET** Anness Ċ;

**i)** Il-Kunsill approva *nem con* fuq proposta tal-Kunsillier Cuomo ssekondata mill-Kunsillier Deguara.

**D. INFIQ MILL-PETTY CASH** Anness D;

**i)** Il-Kunsill approva *nem con* fuq proposta tas-Sindku issekondat mill-Viċi Sindku.

**E. PROPOSTA DWAR KORS FL-AI GĦAT-TFAL MIT-TCTC**

**i)** Is-SE informa li l-Kunsill irċieva proposta minn TCTC dwar kors fl-AI għat-tfal. Dawn il-korsijiet huma fuq 10 siegħat (sagħtejn fil-ġimgħa) u huwa għal massimu ta' 50 student. Il-Kunsill ikun mitlub iħallas eur 2,500 biex dawn il-korsijiet ikunu sussidjati, kull student iħallas Eur10 għall-kors.

**ii)** Il-kunsill approva *nem con* li jieħu sehem f'din l-inizjattiva.

## 6. RAPPORT MIS-SOTTOKUMITAT TALBIET U LMENTI Anness E;

6.1. Dan ir-rapport ġie approvat fuq proposta tal-Viċi Sindku issekondat mill-Kunsillier Camilleri.

## 7. PROPOSTA GĦALL-APPOĠĠ TAL-KUNSILL LOKALI GĦAD-DIKJARAZZJONI TA' VERDALA DWAR IL-PERSUNI MINGĦAJR SAQAF FUQ RASHOM 2025;

7.1. Is-SE informa li qed tintalab dikjarazzjoni mill-Kunsilli Lokali biex jiżdied l-għarfien dwar nies li m'għandhomx saqaf fuq rashom. Din il-proposta titlob biex kunsilli lokali jissospendi bye-laws u ma jħarrku nies bla saqaf fuq rashom. Barra minn hekk tiżdied is-sensittività għal dawn il-każijiet.

7.2. Il-Kunsill approva *nem con* li jagħti l-appoġġ tiegħu.

## 8. PETIZZJONI KONTRA L-QTIL TAL-ĦAMIEM;

8.1. Dwar petizzjoni li kienu qed jirċievu l-Kunsilli kontra l-qtil u l-eliminazzjoni tal-ħamiem salvaġġ, il-Kunsill qabel *nem con* li fid-dawl tal-ħsara li ssir mill-ħamiem, il-Kunsill ma jiffirmax din il-petizzjoni.

## 9. IL-KAŻ TA' TRIQ SANTA FAWSTINA KOWALSKA;

9.1. Is-Sindku fakkar li Transport Malta biddlet id-direzzjoni tat-triq mingħajr konsultazzjoni la mal-Kunsill u lanqas mar-residenti. Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva numru ta' ilmenti mir-residenti dwar kif ġiet it-triq issa. Is-Sindku fakkar li kien infetaħ protest ġudizzjarju kontra Transport Malta, li għalih TM ma tatx risposta. L-avukat informa lill-Kunsill li fuq protest m'hemmx obbligu li tingħata tweġiba u l-pass li jmiss huwa li tinfetaħ kawża.

9.2. Is-Sindku informa li tkellem ma' uffiċjali ta' TM, inkluż is-CEO, sabiex tinstab soluzzjoni. Sa dan it-tant il-Viċi Sindku ġabar petizzjoni mir-residenti sabiex it-triq terġa tiġi kif kienet. Din il-petizzjoni waslet għand is-CEO ta' TM lejliet il-laqgħa.

9.3. Il-Viċi Sindku informa li kien hemm xi residenti li ma kienux id-dar meta inġabru l-firem u għalhekk hemm firem neqsin; lil kull min ħabbat u fetaħ qabel mal-pożizzjoni tal-Kunsill.

9.4. Is-SE informa li fid-dawl li l-avukat tal-Kunsill mhux intiż f'dawn it-tip ta kawżi l-avukat stess ippropona li jitqabbad avukat aktar intiż fis-settur. Huwa ppropona lil Dr Gianluca Cappitta.

9.5. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jitqabbad l-avukat propost u l-każ jiġi elevat għal-kawża l-qorti.

9.6. Il-Kunsill qabel li jekk tinstab soluzzjoni, u cioè jekk TM tirrevoka id-direzzjoni tat-triq għal kif kienet qabel, il-kawża titwaqqaf.

## 10. L-GĦELUQ TAL-LATRINA U L-KANĊELLAZZJONI TAL-OFFERTI GĦAS-SERVIZZ TAT-TINFIF;

10.1. Is-Sindku fakkar fil-problemi kemm ta' nuqqas ta' ndafa u kemm ta' vandaliżmu li kienu qed jiġu kkawżati ġewwa l-latrina minn xi individwi li jużawha.

10.2. Huwa informa li minħabba bżonn urġenti ta' manutenzjoni u fid-dawl tal-attività tal-karnival, il-latrina kellha tingħalaq u flokha tpoġġew *mobile toilets* fl-istess żona. Il-*mobile toilets* sa l-1 ta' Marzu se jkunu qed jitħallsu minn fondi allokati għall-attività tal-karnival.

10.3. Is-Sindku talab li ttieħed deċiżjoni dwar jekk il-latrina għandhiex tingħalaq u mill-1 ta' Marzu l-quddiem, jinżammu l-*mobile toilets* skont l-irħas offerta provduta mill-kwotazzjonijiet li intalbu diġà bi preparazzjoni għad-deċiżjoni tal-Kunsill.

10.4. Is-Sindku ppropona wkoll li meta l-latrina tkun lesta u terġa tinfetaħ din issir bil-ħlas u jkun hemm attendant/a magħha.

10.5. B'żieda ma' dan, kien hemm is-sejħa għall-offerti għat-tindif tal-latrina, bl-evalwazzjoni lesta però l-proċess finali għall-għoti tal-offerti ma kienx għadu ngħalaq. Fid-dawl tas-sitwazzjoni kollha l-Kunsill qabel *nem con* li l-latrina tinżamm magħluqa sakemm isir ix-xogħol fuqha, jitħallew il-*mobile toilets* skont l-irħas offerta u li s-sejħa għall-offerti għat-tindif tal-latrina jkun ikkanċellat.

## 11. XOGĦLIJIET MEĦTIEĠA BIEX TINBIDEL IS-SISTEMA TAD-DRENAĠĠ TAL-LATRINA;

11.1. Is-Sindku informa li s-sistema tad-drenaġġ tal-latrina hija antika ħafna u hemm bżonn li tiġi aġġornata.

11.2. Il-Kunsillier Brincat żied li d-drenaġġ ma jaqlibx biżżejjed u hemm problema bid-drenaġġ fiż-żona kollha. Minħabba f'hekk hemm bżonn li jinqala' kollox u jsir kollox mil-ġdid.

11.3. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel *nem con* li jitlob lil WSC biex id-drenaġġ jiġi rranġat. Dan minħabba li l-problema ma tistax tissova mingħajr l-intervent tal-WSC.

**12. L-OFFERTI GĦAX-XOGĦLIJIET TA' KANALI TAS-SERVIZZI FIL-PJAZZA;**

12.1. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien se jagħmel xogħlijiet ta' kanali għas-servizzi fil-Pjazza. Huwa informa li minkejja li t-tender inħareġ darbtejn ħadd ma' tefa l-offerta biex jagħmel ix-xogħol. Dan wassal biex issa jintalbu l-kwotazzjonijiet bil-għan li tintalab l-approvazzjoni tal-Ministru biex ikun jista' jsir ix-xogħol b'*direct order*.

12.2. Il-Kunsill qabel *nem con* li hekk kif ikun hemm il-kwotazzjonijiet li jkunu skont l-istimi oriġinali, jintalab il-permess mingħand il-Ministru biex isir ix-xogħol b'ordni diretta.

**13. KUNTRATT AĠĠORNAT MAN-NAXXAR LIONS FC;**

13.1. Is-Sindku rringrazzja lit-team ta' Naxxar Lions li kienu qed jiltaqgħu miegħu, mal-Kunsillier Brincat u mas-Segretarju Eżekuttiv. Huwa informa li l-kuntratt huwa kważi magħluq, jonqos biss li jiġu finalizzati l-aħħar dettalji mal-avukat.

**14. ĊELEBRAZZJONIJIET TAT-300 ANNIVERSARJU TAL-VARA TAL-BAMBINA;**

14.1. Is-Sindku fakkar li din is-sena l-vara ta' Marija Bambina se tagħlaq 300 sena.

14.2. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir xi ħaġa kommemorattiva artistika mill-Kunsill li tiġi ppreżentat waqt iċ-ċelebrazzjonijiet.

14.3. Il-Kunsill qabel *nem con* u qabel ukoll li jistenna l-proposta tal-artist qabel ma jaqbel fuq baġit.

14.4. Il-Kunsilleri Gatt informa li kien avviċinat minn xi għaqdiet rigward talbiet għall-għajnuna li ma ntlaqgħux mill-Kunsill.

14.5. Is-Sindku spjega li kull sena, kull għaqda tiġi allokata Eur500 mil-Kunsill li jintużaw bħala reklamar fuq pubblikazzjonijiet tal-għaqda skont kif mitlub minn kull għaqda. Dan ifisser li meta l-Eur500 jispiċċaw il-Kunsill ma jkunx f' pożizzjoni li joħroġ aktar flus. Is-Sindku fakkar ukoll li mill-attivitajiet kollha li jagħmel il-Kunsill, il-Kunsill ma jkollux qliegħ. Il-qliegħ kollu jmur għall-għaqdiet u għalhekk huwa sta għall-għaqdiet li jkunu innovattiva biex jagħmlu iktar qliegħ mill-attivitajiet tal-Kunsill.

14.6. Il-Kunsillier Brincat fakkar li fil-passat kienu jingħataw fondi mir-Reġjun Tramuntana biex jintużaw mill-għaqdiet għall-attivitajiet. Fil-preżent dawn il-fondi qed jinżammu mill-Kunsill biex jagħmel l-attivitajiet.

14.7. Is-Sindku ċċara li wara li sar l-awditjar, ħareġ li r-Reġjun ma' jistax iqassam il-flus kif kien qed jagħmel u għalhekk issa fondi allokati, qed jingħataw lill-Kunsill għall-użu tal-Kunsill fejn mitlub u ġustifikat. Dan għaliex hemm fondi oħra minn ministeri differenti li għandhom fond għall-NGOs.

**15. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

15.1. Il-laqgħa ntemmet fit-7,45pm.

15.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 25 ta' Marzu 2026 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **DOTT. CHRISTOPHER DEGUARA** | **PAUL GATT** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

**KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR**

19 ta' Frar, 2026

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## AĠENDA Numru 9/22

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Naxxar

Lis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri,

Qiegħed tiġi mitlub/a tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 25 ta' Frar 2026 fis-18:00.

Il-laqgħa se tkun imxandra *live* fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill u se tkun qed tiġi rrekordjata biex tiġi mxandra b'mod *on demand*.

Importanti tkunu fil-ħin.

Paul Gatt

Segretarju Eżekuttiv

*Aqleb wara*

# AĠENDA

## LAQGĦA TAL-KUNSILL Numru 9/22

1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta’ rapporti finanzjarji:

   a. Skeda tal-pagamenti;
   b. Skeda ta’ dħul;
   c. Skeda ta’ ordnijiet;
   d. Infiq mill-Petty Cash;
   e. Proposta dwar kors fl-AI għat-tfal mit-TCTC;

6 Minuti tas-Sottokumitat Talbiet u Ilmenti;

7 Proposta għall-Appoġġ tal-Kunsill Lokali għad-Dikjarazzjoni ta’ Verdala dwar il-Persuni mingħajr Saqaf fuq Rashom 2025;

8 Il-każ ta’ Triq Santa Fawstina Kowalska;

9 L-għeluq tal-latrina u l-kanċellazzjoni tal-offerti għas-servizz tat-tinfif;

10 Xogħlijiet meħtieġa biex tinbidel is-sistema tad-drenaġġ tal-latrina;

11 L-offerti għax-xogħlijiet ta’ kanali tas-servizzi fil-Pjazza;

12 Kuntratt aġġornat man-Naxxar Lions FC;

13 Ċelebrazzjonijiet tat-300 anniversarju tal-vara tal-Bambina;

14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Seduta tal-Laqgħa nr 9/22

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mil-20 ta' Jannar 2026 sat-18 ta' Frar 2026

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates | €283.20 | €283.20 | T | PF | Review of planning applications - Jan 26 | 31/01/2026 | 96 | n/a | n/a | 3130 |
| 2 | Advisory 21 | €413.00 | €413.00 | T | PF | DPO Services for Jan 2026 | 30/01/2026 | 2018-10102 | n/a | n/a | 3190 |
| 3 | Antoine Fenech | €40.00 | €40.00 | K | PF | Bouquet for funeral | 20/01/2026 | 356 | 001/26 | 001/26 | 2670 |
| 4 | Arms | €40.06 | €40.06 | NA | PF | Bill for Masgar it-tfal (2.12.25-5.1.26) | 31/01/2026 | 42477098 | n/a | n/a | 2130 |
| 5 | Arms | €513.92 | €513.92 | NA | PF | Bill for LC Office (12.12.25-11.1.26) | 31/01/2026 | 42477097 | n/a | n/a | 2150 |
| 6 | Assocjazzjoni Kunsill Lokali | €570.00 | €570.00 | NA | PF | Personal Accident Policy (19*30) 2026 | 09/02/2026 | tkt107518 | n/a | n/a | 3030 |
| 7 | Assocjazzjoni Kunsill Lokali | €65.00 | €65.00 | NA | PF | Money Policy 2026 | 09/02/2026 | tkt107520 | n/a | n/a | 3030 |
| 8 | Jurgen Attard | €390.00 | €390.00 | K | PF | Football ground guardian Jan 26 | 31/01/2026 | 351803 | n/a | n/a | 3191 |
| 9 | Benvic | €4,412.39 | €4,412.39 | T | PF | Handymen service for Jan 2026 | 02/02/2026 | 4 | n/a | n/a | 3125 |
| 10 | Benvic | €176.76 | €176.76 | T | PF | Disposal of rubble and extra person | 28/01/2026 | 3 | n/a | n/a | 2310 |
| 11 | Bitmac | €108.00 | €108.00 | K | PF | Instant road repair | 28/01/2026 | 195972 | 33/26 | 33/26 | 2311 |
| 12 | Bitmac | €108.00 | €108.00 | K | PF | Instant road repair | 27/01/2026 | 195839 | 29/26 | 29/26 | 2311 |
| 13 | Bitmac | €108.00 | €108.00 | K | PF | Instant road repair | 03/02/2026 | 196484 | 43/26 | 43/26 | 2311 |
| 14 | Bitmac | €108.00 | €108.00 | K | PF | Instant road repair | 22/01/2026 | 195454 | 24/26 | 24/26 | 2311 |
| 15 | Bitmac | €57.50 | €57.50 | K | PF | Instant road repair | 06/02/2026 | 196901 | 50/26 | 50/26 | 2311 |
| 16 | Bitmac | €108.00 | €108.00 | K | PF | Instant road repair | 12/02/2026 | 197418 | 53/26 | 53/26 | 2311 |
| 17 | Ronald Briffa | €295.00 | €295.00 | K | PF | Compare for Christmas event 20.12.2025 | 22/01/2026 | E2508 | 278/25 | 278/25 | 3360 |
| 18 | George Brincat | €300.00 | €300.00 | K | PF | Yoga Classes in BIC from October till December, 2025 | 12/02/2026 | | 236/25 | 236/25 | 3381 |
| 19 | Calleja Ltd | €85.80 | €85.80 | K | PF | 13 leds for Gnien l-Ewropa | 02/02/2026 | 70141224 | 36/26 | 36/26 | 2370 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

________________
Dr Chris Deguara
Sindku

________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

________________
Proponent

________________
Sekondant

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: Mil-20 ta' Jannar 2026 sat-18 ta' Frar 2026

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
